MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 515/1998/1

**Frances Fava**

**Vs**
**Anthony Ciantar**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Illi, fis-27 ta' Gunju, 1996, ghal-habta' ta' filghodu l-attur kien qieghed jsuq il-vettura tieghu Skoda bin-numru tar-registrazzjoni L-2005 gewwa Aldo Moro Street, Marsa, meta l-karozza Ford Fiesta misjuqa mill-konvenut, li kienet gejja mid-direzzjoni opposta, qabzet is-*central strip*, u habtet frontalment mal-karozza misjuqa mill-attur;

Premess illi l-konvenut kien qieghed isuq b'manjiera traskurata u perikoluza tant li qasam is-*central strip* u l-incident sar htija eskluziva tieghu;

Premess illi, f'dan l-incident l-attur sofra offiza gravi f'idu, tant li kien hemm bzonn ta' tlett interventi kirurgici, u spicca b'debilitazzjoni permanenti f'idu li naqqset konsiderevolment il-kapacita tieghu ghax-xoghol u kull attivita' ohra;

Premess illi, dana kollu ikkawzalu danni finanzjarji ngenti konsistenti f' *lucrum cessans*, li huma spjegati fid-dikjarazzjoni u li jirrizultaw ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi, id-ditta assikurattrici iddikjarat il-karozza tal-attur bhala *scrap* u hallset lill-attur l-*insurable value* taghha, izda illum qed tirrifjuta li tikkunpensah ghad-disabilita' permanenti li sofra;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal-incident awtomobilistiku fuq imsemmi, u

2. Per konsegwenza responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorendo bin-nomina ta' periti;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-imghax, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Jannar, 1998.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni kkontemplata mill-attur m'ghadix izjed proponibbli, u kienet giet irrinunzjata, stante illi huwa thallas ghad-danni kollha kemm dawk konnessi mal-vettura involuta fl-incident imsemmi fic-citazzjoni kif ukoll ghal kull offiza jew ferita gravi jew xorta ohra li huwa seta sofra fl-istess incident, u dana kif jidher bl-izjed mod car u inekwivoku mis- 'satisfaction note' li huwa ffirma quddiem rapprezentanti tad-ditta assikuratrici tal-konvenut liema dokument qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. A.

2. Minghajr pregudizzju ghal-ewwel eccezzjoni illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-esponenti m'ghandu jaghti xejn lill-attur la in linea ta' danni u lanqas xort'ohra.

3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittratttaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghall lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni attrici mhiex aktar proponibbili billi l-attur kien iffirma *satisfaction note* li hu thallas kollox *in full and final settlement* - Dok.A.

Skond dan id-dokument l-attur kien ircieva Lm900 minghand is-socjeta' assikuratrici tal-konvenut "*in full discharge and satisfaction of all claims for damages in respect of any damage or injuries sustained by Francis Fava in or arising from an accident which occurred at Marsa*" cjoe fl-incident in kwistjoni. Imbaghad hemm imnizzel ukoll li "*Claimant hereby declares that he entertains no further claims, pretentions, damages,*

*injuries, expenses or related costs and disbursements of any nature, entity or degree… and is hereby accepting such payment in full and final settlement … Claimant hereby declares to have read over and understood the nature of this receipt."*

Anthony Savona, surveyor u claims clerk ma l-assikurazzjoni Fogg xehed li l-attur ried jissettilja l-claim malajr billi l-karozza tieghu kienet giet dikjarata *total loss* u ried jixtri karozza ohra ghax ma kellux biex jinqeda. Hu kien spjega lill attur li huma kienu ser jissetiljaw fuq kollox u mhux fuq parti biss. Kien staqsih jekk kellux xi haga f'subghajh u dan qallu li ma kellux affarijiet kbar. Kieku l-attur qallu li kien sejjer l-isptar ma kienx jissettilja l-*claim*. Hu fehmu x'kien ser jiffirma u ghamillu d-*discharge note* u tah ic-*cheque*.

Jonathan Schembri, Claims Manager ma Fogg Insurance, kkonferma dak li qal Savona u xehed li hu kien mela l-claim form u kien staqsa lill attur jekk kienx weggha minhabba l-incident u  l-attur qallu li ma kellu xejn  skond ma qallu t-tabib u idu kienet infaxxata biss. L-attur kien imghaggel biex inhallsuh ghax ried jixtri karozza ohra. L-attur huwa teacher u jaf jaqra u kien iffirma d-*discharge note*. Huma spjegawlu li la darba hu kien ser jiehu c-*cheque* tal-karozza ma jistax ifittixhom ghad-danni billi l-kaz kien ikun maghluq.

L-istess haga qal il-konvenut Anthony Ciantar li kien habat ma' l-attur. Hu kien mar ma l-attur ghand l-assikurazzjoni tieghu jaghmlu *claim* u hemmhekk is-sur Schembri kien staqsa lill attur fuq l-*injury* li kellu f'idejh u l-attur kien irrispondih li jdejh weggaha fl-incident izda ma kellu xejn serju u ma kien qed jitlob xejn ghall idejh. Ciantar kien prezenti wkoll meta Savona kien tah id-*discharge note* biex l-attur jiffirmaha u dan spjegalu li kien ser jircievi flus ta' kollox inkluz ta' x'seta kellu f'idejh u wara ffirma. Cahad li l-attur kien qal li l-ghada kien sejjer jara xi professur.

Minn naha tieghu l-attur qal li meta kien mar ghand l-assikurazzjoni hu kien qal lis-sur Savona li l-ghada ried imur ghand il-konsultent minhabba jdejh. Savona kien tah

karta biex jiffirmaha u mbaghad tah ic-*cheque* tal-karozza. Wara pero' ma tahx kopja ta' dina l-karta. Imbaghad meta gie ezaminat mill-konsultent dan sab li kellu bzonn operazzjoni u spicca ghamel zewg operazzjonijiet u kellu disabilita' permanenti. L-attur cahad li Savona kien qallu li ser jiffirma ghall *injury* ukoll. Hu kien qal lill Savona li l-ghada kien sejjer jara t-tabib u mhux veru li qallu li ma kellu xejn f'idu.

L-attur spjega fix-xhieda tieghu li hu jaf jaqra u jghallem il-muzika. Hu teacher u jaf jaqra bl-Ingliz u bil-Malti. Hu kien iffirmat dana d-dokument minghajr ma qara l-karta. Dakinhar sar zball u ma qarax il-karta billi lill Savona kien fdah - hasbu *gentleman*. Ammetta li ghamel zball meta ma qrahiex il-karta. Kieku qraha, kien jiehu l-ligi b'idejh dak il-hin, kieku kien jaf li ser ifottih - fol 36.

Illi mix-xhieda ta' l-istess attur ghalhekk jirrizulta li hu ma kienx qara dak li kien iffirma ghalih, u Savona u x-xhieda l-ohra kollha kkonfermaw li kien gie spjegat lill attur ghal x'hiex kien qed jiffirma. L-attur jaf jaqra bl-Ingliz u setgha facilment jifhem x'kien qed jffirma ghalih. L-attur kien qed jaccetta li l-flus li qed jircievi kienu

"*in full discharge and satisfaction of all claims for damages in respect of <u>any damage or injuries</u>*;

*li claimant hereby declares that he <u>entertains no further claims</u>, pretentions, <u>damages, injuries</u>, expenses or related*

*u li he is hereby accepting such <u>payment in full and final settlement</u> …*

*Claimant hereby <u>declares to have read over and understood</u> the nature of this receipt.*

Ghal dana kollu l-attur iffirma, ghalhekk "*chi e' colpa del suo mal, pianga se stesso*".

Inoltre skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati:

"Jekk debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu" (ara sentenza App. Apap vs Galea deciza 26/11/86.)

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut
u tichad it-talba ta' l-attur
bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------